MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 162/1998/1

Il-Qorti,

***Preliminari***

Dawn il-proceduri gew istitwiti in segwitu ghall-bejgh bl-irkant,
mizmum that l-awtorita’ ta’ din il-Qorti fit-23 ta’ Frar 1996, tal-fond l-fond mgharuf ‘Teslim House’ fi Triq Mdina Hal Qormi kif deskritt fir-relazzjoni peritali annessa mal-atti tas-subasta.

Dan il-fond gie defenittivament liberat ghaf-favur ta’ Loreto Abela u ohrajn versu l-prezz ta’ wiehed u ghoxrin elf u hames mitt lira maltin (LM21,500).

Illi in segwitu kienet saret cedola ta’ depositu numru 289/96 li bis-sahha taghha giet depozitata that l-Awtorita’ ta’ din il-Qorti is-somma fuq indikata ta’ Lm21,500 mhallsa

minn Loreto u Mary konjugi Abela, u Mario u Julia konjugi Magro.

***<u>Rikors Individwali</u>***

*Rikors Mid Med Bank*

Illi permezz ta' rikors prezentat fit-23 ta' Jannar 1998 Mid Med Bank plc, ippremetta illi, b' sentenza mghotija minn din il-Qorti fit-3 ta' Gunju 1994 fl-ismijiet *"Mid-Med Bank Limited vs Testing Limited et"* huwa kien gie kanonizzat kreditur tas-socjeta' Testing Limited fis-somma ta' **Lm206,625.67** oltre l-imghaxijiet legali u l-ispejjez gudizzjarji.

Illi fit-28 ta' Marzu 1996 l-istess bank kien talab li jigi awtorizzat jizbanka l-imsemmija somma ta' LM21,500 akkont tal-ammont dovut lilu mis-socjeta' Testing Limited; izda, stante li ghall-istess somma kien intalab l-izbank anke mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali, din il-Qorti kienet ordnatlu sabiex jekk jidhirlu jipprocedi skond il-ligi.

Illi in vista tal-premezz Mid Med Bank plc kien talab lill din il-Qorti sabiex tordna l-ftuh ta' Konkors ta' Kredituri tas-socjeta' Testing Limited ai termini tal-artikolu 416 tal-Kap.12 dwar l-ammont depositat premezz tal-imsemmija cedola ta' depositu.

*Rikors Kummissarju tat-Taxxi Interni*

Illi mill-atti jidher li fis-7 ta' April 1996 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien intavola rikors quddiem din il-Qorti fejn, ppremetta li huwa kreditur tas-socjeta' Testing Company Limited fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disa mija u erba liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm21,904.25c), rappresentanti Lm19,913.25 tnaqqis ta' Taxxa PAYE u Lm1,991.00 bhala taxxa addiz\zjonali ghall-perijodu mis-sena 1998 sas-sena 1992. Wara li ppremetta wkoll li dan l-ammont huwa privileggjat ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha skond l-Artikolu 23(8) tal-Att 1994, hlief ghat-talbiet ta' l-impjegati ghall-parti mill-paga u tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali ghall kontribuzzjonijiet dovuti that l-Artikolu 119 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali; talab lil din il-Qorti sabiex tawtorizzah jirtira l-ammont

depositat permezz tal-imsemmija cedola ta' depositu, in sodisfazzjoni tal-kreditu tieghu.

Illi permezz ta' rikors sussegwenti prezentat fis-19 ta' April 1999, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ppremetta li huwa ghandu jiehu minghand s-socjeta' Testing Limited, minbarra is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disa mija u erba liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm21,904.25c), ghandu jiehu wkoll is-somma ta' erba telef disa u ghoxrin lira maltin (Lm4,029) dovuta bhala taxxa tal-kumpaniji skond l-artikolu 42.1 ta' l-Att tas-sena 1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Ghalhekk huwa talab li jigi ammess fil-konkors odjern anke fir-rigward ta' dan l-ammont.

*Rikors Bank of Valletta*
Illi permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' Dicembru 1999, is-socjeta' Bank of Valletta plc ppremettiet li hija kreditrici tas-socjeta' Testing Limited fis-somma ta' mitejn tlieta u tletin lira maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm.233.35) flimkien mal-imghax legali mill-1 ta' Dicembru 1988. Dan il-kreditu gie kanonizzat b' sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Mejju 1995 fl-ismijiet "Rudolph Xuereb nomine v Carmelo Sammut nomine" (Avviz 367/93 FS), u, stante li dan il-kreditu huwa munit b' ipoteka, ghandu jigi pregradwat. Huwa talab sabiex jigi ammess fil-lista tal-kredituri f' dan il-konkors.

***<u>Verifika tal-Krediti</u>***
F' dan l-istadju l-Qorti ser tezamina l-bazi ta' kull rikors prezentat mill-kredituri in kwistjoni, u tanalizza l-provi li ngabu in sostenn tat-talbiet rispettivi taghhom u dana sabiex jigi, fl-ewwel lok, determinat jekk il-krediti pretizi humiex validi u ammissibbli f' dan il-konkors qabel ma mbaghad tigi determinata l-gradwazzjoni taghhom.

*Mid Med Bank plc (illum HSBC)*
Illi l-pretensjoni avanzata mill-Mid Med Bank plc hija bazata fuq kreditu kanonizzat permezz ta' sentenza mghotija fit-3 ta' Gunju 1994 minn din il-Qorti fl-ismijiet *"Mid-Med Bank Limited vs Testing Limited et".* Skond din is-sentenza, li kopja taghha tinsab esebita a fols.19 et seq

tal-process, il-Qorti laqghet it-talbiet tal-Bank attur bil-konsegwenza li l-bank gie kanonizzat kreditur ta' Testing Limited fis-somma ta' Lm206,625.67.

Illi parti minn dan il-kreditu jemani minn zewg kuntratti ta' self (overdraft) fl-atti tan-Nutar Dr.Joseph Raphael Darmanin, wiehed ippubblikat fis-17 ta' Lulju 1980 u l-iehor ippubblikat fit-12 ta' Mejju 1982, li jinsabu esebiti fl-atti a fols.28 sa 35. L-ewwel kuntratt jillimita l-facilita' bankarja ghal tmien telef lira maltin **(Lm8,000)** oltre l-imghaxijet, filwaqt li permezz tat-tieni kuntratt din il-facilita' bankarja gie estiza ghal massimu ta' tnax il-elf lira maltin **(Lm12,000)** oltre l-imghaxijiet.

Illi dawn iz-zewg krediti ta' Lm8,000 u Lm12,000, bl-imghaxijiet rispettivi, jinsabu kawtelati permezz **ta' Ipoteka Generali numru I 8930/1980** li kopja taghha tinsab esebita fl-atti a fol.37, u permezz ta' **Ipoteka Generali numru I 5452/1982** li kopja taghha tinsab esebita a fol.36.

Illi fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija sodisfatta li l-provi migjuba jissostanzjaw il-kreditu pretiz u konsegwenzjalment jidher gustifikat li il-kreditu reklamat mill-HSBC Bank Malta plc gia mgharuf Mid Med Bank plc fis-somma ta' LM206,625.67 ghandu jigi ammess billi huwa dovut.

*Kummissarju tat-Taxxi Interni*

Illi in sostenn tal-kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, xehdu Emanuel Gatt (fols.77 et seq), Tony Fabri (fol.79) u Tarcisio Scicluna (fols.91-92).

Fix-xhieda tieghu Emanuel Gatt spjega li l-ammont dovut minn Testing Limited in linea ta' taxxa **PAYE** tal-impjegati u taxxa addizzjonali huwa ta' sittax il-elf mija wiehed u tletin lira maltin **(Lm16,131)** u jkopri l-perijodu li jestendi mis-sena 1988 sas-sena 1991. Ix-xhud qal li dan l-ammont gie bazat fuq informazzjoni mghoddija lilhom mid-Diretturi tal-istess kumpanija. Ix-xhud esebixxa dokument RM20 a fols.70 et seq tal-process, in sostenn tal-pretensjoni in disamina.

Fix-xhieda tieghu Tony Fabri spjega li Testing Limited ghad fadlilha taghti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni s-somma komplessiva ta' erba telef u tletin lira maltin **(Lm4.030)** rapprezentanti ammont ta' **taxxa** dovut ghas-snin ta' stima 1982, 1984, 1985, 1987 u 1989, skond prosepett esebit mill-istess xhud markat dokument RM21 a fol.75. Ix-xhud b' referenza ghall-prospett esebit minnu spjega li sentejn minnhom il-kont hareg hareg wara revizjoni u cioe' ghas-snin 1982 u 1984. Din ix-xhieda gie kkomfermata mix-xhieda ta' Tarcisio Sicluna li pprezenta prospett dettaljat (dok.TS a.fol.87). Minn dan il-prospett jirrizulta li r-revizjoni tat-taxxa ghal dawn is-snin saret fil-21 ta' Dicembru 2000.

Illi mill-lat legali dan il-kreditur qed jibbaza t-talba tieghu b' referenza ghal Artikolu 23(8) ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

*Preskrizzjoni*
Illi permezz ta' nota prezentata quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-4 ta' Gunju 2002, HSBC Bank (Malta) ssolleva l-preskrizzjoni ta' parti mill-kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ai termini tal-artikolu 47 tal-Income Management Act u ai termini tal-artikolu 78 tal-Kap.123 kif in vigore qabel gie emendat bl-att XVII tas-sena 1944. Dan il-punt gie trattat mill-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2002.

Illi l-Artikolu 78 tal-Kap.123 jikkontempla perijodu ta' ta' **tmien (8) snin** li fih il-Kummissarju jista' jiehu *"passi ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali jew xi piena".* Dan il-perijodu preskrittiv estintiv tal-azzjoni jibda jiddekorri *"mid-data li fiha l-stima dwar dik is-sena ta' stima li ghaliha tirriferixxi issir finali u konklusiv"*. Dan il-perijodu jista' jigi interrot b' kull att gudizzjarju prezentat fl-imsemmi terminu u li bih jintalab il-hlas tat-taxxa. Dan il-perijodu preskrittiv ma japplikax fil-kazijiet ta' qerq u evasjoni skond kif stipulat fis-sub inciz 2 tal-Artikolu 63.

Illi fil-kaz in disamina huwa opportun li qabel xejn jigi ccarat li ma hemmx provi li juru li kien hemm qerq jew

evasjoni ta’ taxxa skond is-sub inciz appena citat. Anzi f’ dan il-kaz jirrizulta li d-dipartiment, ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta’ Lm16,131 dovut bhala PAYE, strahet fuq id-dokumenti konsenjati lill-Kummissarju mill-istess socjeta’ Testing Limited. L-istess japplika ghall-ammont ta Lm4,030 mitlub bhala Taxxa tat-dhul. F’ dan il-kaz ma hemmx provi li juri li kien hemm xi qerq jew evasjoni da parti tal-imsemmija socjeta’.
Illi mill-premess isegwi li, la darba ma giex provat qerq jew tentattiv ta’ evasjoni, allura l-perijodu preskrittiv ta’ tmien snin beda jiddkorri skond il-ligi. Ghaldaqstant dak il-parti tal-kreditu tal-Kummissarju li jirrisali oltre dan il-perijodu jinsab kolpit bil-preskrizzjoni estintiva ta’ tmien (8) snin.

Illi mill-process jirrizulta li fis-7 ta’ April 1996 kien gie prezentat rikors mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jizbanka l-ammont dovut lilu bhala **PAYE** mill-flus depositati. Il-Qorti qabel xejn tirrileva li ma giex inserit l-original ta’ dan ir-rikors, izda hemm kopja tieghu li giet esebita mill-Mid Med Bank plc flimkien mar-rikors minnu prezentat fit-23 ta’ Jannar 1998 (fol.6); izda stante li dan id-dokument ma giex kontestat, u stante li gie esebit sahansitra minn wiehed mill-kredituri konkorrenti mal-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni, din il-Qorti thoss li ghandha tikkonsiderah bhala prova tal-esistenza tieghu. Sussegwentement u precisament fil-19 ta’ April 1999 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezenta rikors iehor, fejn qed jitlob javvanza l-kreditu tieghu ta’ **taxxa** dovuta.

Illi l-Qorti tosserva li d-dati precizi meta saru dawn l-atti gudizzjarji huma relevanti ghall-finijiet tal-perijodu ta’ preskrizzjoni, tenut kont li dawn l-atti jekwivalu ghal talba ghall-hlas skond is-sub inciz 3 tal-Artikolu precitat. Konsegwentement u konformament mal-premess, it-talba tal-Kummissarju ghall-**PAYE** li saret fis-7 ta’ April 1996 tkopri taxxa dovuta limitatament ghall-perijodi li jrrizali sas-sena **1988.** It-talba tieghu ghall-hlas tat-**taxxa** (tad-dhul) mghamula fis-19 ta’ April 1999 tkopri taxxa dovuta limitatament ghall-peprijodu li jirrisali tas-sena **1991**. L-ammont pretizi li jirrisalu oltre dawn il-perijodi rispettivi jisabu kolpiti bil-preskrizzjoni ta’ tmien snin.

Illi mill-prospett markat dok.RM20 a fol.70 tal-process jirrizulta li l-ammonti mitluba bhala **PAYE** jirreferu ghas-snin 1991, 1990, 1989 u 1988; u ghalhekk din il-parti tat-talba tal-Kummissarju ma hix kolpita bil-preskrizzjoni.

Illi l-prospett markat dok.RM 21 a fol.75 kkunsidrat fid-dawl tax-xhieda ta' Tony Fabri, juri li l-ammont ta' Lm4,030 mitlub mill-Kummissarju bhala Taxxa tat-dhul jirrisali ghas-snin 1989, 1987, 1985, 1984, 1982. Il-Qorti tosserva li, peress li t-talba ghal dan l-ammont saret fis-sena 1999, u lahqu ghaddew izjed minn tmien snin, din il-parti tal-kreditu tal-Kummissarju tinsab preskritta fir-rigward tal-ammonti dovuti ghas-snin 1982 u 1984. Inoltre tosserva li l-fatt li l-kontijiet tas-snin 1982 u 1984 kienu gew riveduti fil-21 ta' Dicembru 2000 ma jimmiltax kontra din il-konkluzjoni, ghax xorta wahda l-perijodu perentorju kien lahaq ghadda u ghalhekk l-ammonti jinsabu preskritti.

Ghaldaqstant it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi interni ser tigi milqugha limitatament ghall-ammont ta' sittax il-elf mija wiehed u tletin lira maltin **(Lm16,131)**.

*Bank of Valletta*
Illi dan il-kreditur qed jibbaza l-pretenzjoni tieghu fuq sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet fuq indikati. Fuq dan il-kreditu xehed ir-rapprezentant tal-bank il-Prokuratur legali Joseph Zammit fis-seduta tas-19 ta' Jannar 2001 kif ukoll fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2002 a fols.80 u 93 et seq rispettivament.

Illi fl-ewwel deposizzjoni tieghu il-PL Joseph Zammit ikkonferma li il-kreditu tal-bank fl-ammont ta' mitejn tlieta u tletin lira maltin u hamsa u tletin centezmu **(Lm233.35)** u esebixxa bhala dok.RM 22 kopja tal-Ipoteka Generali numru I 20238/1995 in kawtela tal-istess kreditu u l-imghaxijiet ulterjuri. Illi fir-rigward tal-kambjali li ghalihom jirreferi il-prospett a fol.96 maa gewx esebiti kopji tal-istess.

Illi fid-dawl tal-provi migjuba u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti hija sodisfatta li l-provi migjuba jissostanzjaw il-kreditu pretiz ta' Lm.233.35 u l-imghaxijiet ulterjuri u ghalhekk tikkonkludi li huwa gustifikat il-kreditu reklamat mill-Bank of Valletta plc f' din is-somma, li ghalhekk ghandu jigi ammess fil-lista.

***<u>Krediti ammessi u kawzi ta' preferenza</u>***

*Kummissarju tat-Taxxi Interni* – Illi dan il-kreditu ta' sittax il-elf mija wiehed u tletin lira maltin **(Lm16,131)** huwa wiehed ta' natura fiskali u fit-termini tal-artikolu 23 (8) tal-Att XVIII tas-sena 1994 jinsab privileggjat *" .. u ghandhu jithallas wara (il-pagi tal-impjegati u t-talbiet tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali)* ***bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha*** *sew privileggjati jew ipotekarji".(emfasi tal-Qorti).*

Ghaldaqstant dan il-kreditu jiggradwa qabel il-krediti konkorrenti l-ohra.

*Mid Med Bank (illum HSBC Bank (Malta)* – Illi l-kreditu, ta' dan il-Bank, ammess ghal dan il-konkors jammonta ghall-**Lm206,625.67** oltre l-imghaxijiet legali u l-ispejjez gudizzjarji. Illi parti minn dan il-kreditu jinsab kawtelat bis-sahha ta' zewg Ipoteki Generali u Ipoteki Specjali fuq il-fond deskritt fl-iskrizzjonijiet hawn that indikati (fols.36 u 57). L-ammonti huma ta' tmien telef lira maltin u tnax il-elf lira maltin – oltre l-imghaxijiet legali.

| | | |
|---|---|---|
| LM8,000 | oltre l-imghaxijiet legali | I 8930/1980 |
| LM12,000 | oltre l-imghaxijiet legali | I 5452/1982 |

Illi fir-rigward tal-bilanc tal-kreditu wara li jitnaqqsu dawn l-ammont, il-Qorti tosserva li ma gewx prezentati dokumenti li juru kawza ta' preferenza.

Illi in kwantu ghall-imghaxijiet dovuti fuqhom, il-Qorti tosserva li ma gewx prezentati prospetti indikanti defenittivament l-ammont ta' imghax dovut; u, stante li s-somma depositata hija manifestament inadegwata sabiex tissodisfa l-kapitali kollha pretizi f' dan il-konkors, il-

kwantifikazzjoni ta’ dawn l-imghaxijiet da parti tal-Qorti ikun esercizju superfluwu.

*Bank of Valletta plc.* - Il-kreditu ta’ dan il-kreditur jinsab kwantifikat fis-somm ta’ mitejn tlieta u tletin lira maltin u hamsin centezmu **(LM233.35) oltre l-imghaxijiet legali,** bis sahha ta’ Ipoteka Generali I 20238/1995 (fol.76).

*Spejjez Gudizzjarji*
Illi in kwantu ghall-ispejjez gudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-fond fuq indikat u l-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-qsim tar-rikavat, ghalkemm dawn ma gewx espressament mitluba, il-qorti tghamel referenza ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 2003 tal-Kodici civili minn fejn jirrizulta li l-ispejjez gudizzjarji huma muniti bi privilegg generali u kwindi jikkonkorru qabel il-krediti l-ohra. Konsegwentement il-lista ta’ krediti li ser jigu gradwati hawn ghandhom jigu subordinati ghal dawn l-ispejjez sovuti lir-Registratur tal-Qorti, u kwindi jista’ jkun hemm xi aggustamenti fejn ikun hemm bzonn isiru wara li jigu intaxxati d-drittijiet tar-Registratur tal-Qorti.

***<u>Gradwazzjoni</u>***

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijet, il-gradwazzjoni tal-kredituri ghandha ssehh kif ser jinghad:

*Fl-Ewwel Grad*
L-ispejjez giudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-fond immobbli u l-ispejjez giudizzjarji sabiex isir il-qsim tar-rikavat.

*Fit-Tieni Grad*
Il-Kummissarju tat-Taxxi interni fis-somma ta’ ta’ sittax il-elf mija wiehed u tletin lira maltin **(Lm16,131)** rappresentanti taxxa dovuta bhala PAYE, privileggjat kif fuq spjegat.

*Fit-tielet Grad*
HSBC Bank (Malta) plc (gia Mid Med Bank) fis-somom hawn that indikati u kif hawn that gradwati:
**LM8,000 oltre l-imghaxijiet legali**

**LM12,000    oltre l-imghaxijiet legali**

*Fir-Raba Grad*
Bank of Valletta plc fis-somma ta' ta' mitejn tlieta u tletin lira maltin u hamsin centezmu **(LM233.35) oltre l-imghaxijiet legali.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------